# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 320/04)

**Għajnuna Nru:** XA 215/09

**Stati Membri:** Franza

**Reġjun:** Département de la Seine-Maritime

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Aides aux diagnostics d'installation des exploitations ne bénéficiant pas d'une Dotation Jeune Agriculteur (Seine-Maritime)

**Bażi legali:** Articles L1511-2, L3231-2 et 3232-1 du Code Général des Collectivités Territoriales; délibération du Conseil général du 31 mars 2009 relative à la politique agricole départementale de la période 2009-2012.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 20 000 kull sena

**Intensità massima tal-għajnuna:** 50 %

**Data tal-implimentazzjoni:** Minn meta l-Kummissjoni tikkonferma l-irċevuta.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** 2009-2012

**Għan tal-għajnuna:**

L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li dawk li jixtiequ jaħdmu fis-settur tal-biedja imma li ma jissodisfawx il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-iskema ta' Għotja għall-Bdiewa Żgħar jithallew iwettqu studju preparatorju tal-pjan tagħhom sabiex jaħdmu fis-settur tal-biedja. Dan l-istudju preparatorju għandu jeżamina l-vijabbiltà ekonomika tal-proġett u jiffaċilita lil dawk li fi ħsiebhom isiru bdiewa jkollhom aċċess għall-kreditu hekk kif ikollhom studju affidabbli sabiex jibagħtu lill-banek jekk ikunu jixtiequ jinnegozjaw ftehim ta' self. Din id-dispożizzjoni għandha tgħin sabiex tiżgura li inqas farms huma stabbiliti fuq bażi ekonomika li mhijiex soda u għalhekk tnaqqas l-għadd ta' farms li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet finanzjarji.

L-għajnuna se tingħata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-settur agrikolu kollu

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Monsieur le Président du Département de Seine-Maritime
Quai Jean Moulin
76101 Rouen Cedex 1
FRANCE

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.seinemaritime.net/guidedesaides/medias/File/aide-aux-diagnostics-d-installation-des-exploitants-ne-beneficiant-pas-de-la-dotation-jeune-agriculteur-t2.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 216/09

**Stati Membri:** Franza

**Reġjun:** Département de la Seine-Maritime

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Aides aux études technico-économiques et juridiques préalables à une diversification (Seine-Maritime)

**Bażi legali:** Articles L1511-2, L3231-2 et 3232-1 du Code Général des Collectivités Territoriales; délibération du Conseil général du 31 mars 2009 relative à la politique agricole départementale de la période 2009-2012.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 75 000 kull sena

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** 50 %

**Data tal-implimentazzjoni:** Minn meta l-Kummissjoni tikkonferma l-irċevuta.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** 2009-2012

**Għan tal-għajnuna:**

L-għan ta' din l-iskema ta' għajnuna huwa li l-bdiewa li qegħdin jippjanaw li jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom jithallew jivvalutaw l-eliġibbiltà tal-proġetti tagħhom.

L-istudji se jkunu limitati għall-proġetti ta' diversifikazzjoni li jibqgħu fi ħdan is-settur tal-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli jew meta jsir l-ewwel bejgħ fil-farm stess ta' dawn il-prodotti tal-annimali jew tal-ħxejjex.

Dan l-istudju għandu jiffaċilita wkoll lill-bdiewa biex dawn ikollhom aċċess għall-kreditu billi jsirilhom studju preċiż u affidabbli bħala bażi sabiex jinnegozjaw xi ftehim ta' self mal-banek.

L-għajnuna se tingħata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-settur agrikolu kollu

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Monsieur le Président du Département de Seine-Maritime
Quai Jean Moulin
76101 Rouen Cedex 1
FRANCE

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.seinemaritime.net/guidedesaides/medias/File/etude-technico-economique-et-juridique-de-diversification-t2.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 219/09

**Stat Membru:** Franza

**Reġjun:** Département de la Seine-Maritime

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Aides à la certification annuelle «Agriculture Biologique» (Seine-Maritime)

**Bażi legali:** Articles L1511-2, L3231-2 et 3232-1 du Code Général des Collectivités Territoriales; délibération du Conseil général du 31 mars 2009 relative à la politique agricole départementale de la période 2009-2012.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 10 000 kull sena

**Intensità massima tal-għajnuna:** 50 % tal-ispiża għall-għoti tas-servizz, b'limitu ta' EUR 200 għal kull servizz li jingħata

**Data tal-implimentazzjoni:** Minn meta l-Kummissjoni tikkonferma l-irċevuta.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Il-perjodu bejn l-2009 u l-2012

**Għan tal-għajnuna:**

L-għadd ta' farms iċċertifikati fil-biedja organika fis-Seine-Maritime huwa relattivament baxx. L-għan ta' din l-għajnuna huwa li tkun imħeġġa din it-tip ta' produzzjoni billi l-ispiża li jkollhom jagħmlu tajjeb għaliha l-bdiewa li jiddeċiedu li jiċċertifikaw il-farms tagħhom fil-biedja organika tkun issussidjata.

Barra milli tingħata, fejn hu xieraq, għajnuna oħra mill-Istat, jew għajnuna mill-korpi jew kollettivitajiet pubbliċi, u li tirrispetta strettament il-limitu ta' għajnuna stipulat fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fil-każ li l-għajnuna takkumula, din l-iskema għandha theġġeġ l-iżvilupp tal-biedja organika fid-dipartiment.

L-għajnuna se tingħata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Is-settur agrikolu kollu.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Monsieur le Président du Département de Seine-Maritime
Quai Jean Moulin
76101 Rouen Cedex 1
FRANCE

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.seinemaritime.net/guidedesaides/medias/File/aide-a-la-certification-annuelle-agriculture-biologique-+-formulaire-t2.pdf

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 224/09

**Stati Membri:** L-Italja

**Reġjun:** Toscana

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Attività di divulgazione in merito alla assicurabilità delle produzioni agricole e zootecniche da eventi atmosferici, epizoozie e danni da animali predatori

**Bażi legali:** L.R. 24 gennaio 2006, n. 1 «Disciplina degli interventi regionali in materia di agricoltura e di sviluppo rurale»

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 0,100 miljun għas-sena 2009

**Intensità massima tal-għajnuna:** 80 %

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għall-eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 Diċembru 2009

**Għan tal-għajnuna:**

Għajnuna teknika (l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006), u b'mod partikolari:

(a) għajnuna teknika fis-settur agrikolu rigward it-tagħlim u t-taħriġ tal-bdiewa (spejjeż involuti fl-organizzazzjoni tal-programm ta' taħriġ subparagrafu 2, (a) taqsima "i");

(b) servizzi ta' konsulenza mogħtija minn persuni terzi (ta' natura mhux kontinwa, subparagrafu 2 (c);

(c) organizzazzjoni u parteċipazzjoni f'forum (spejjeż ta' pubblikazzjoni u l-kiri tal-post, subparagrafu 2 (d) taqsima "iii" u "iv").

**Settur jew setturi benefiċjarji:**

Kodiċi NACE

A10601 – Attivitajiet ta' sostenn għall-produzzjoni veġetali;

A10602 – Attivitajiet ta' appoġġ għal produzzjoni ta' bhejjem

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Regione Toscana
Palazzo Strozzi Sacrati
Piazza del Duomo 10
50122 Firenze FI
ITALIA

**Indirizz tal-internet:**

http://www.regione.toscana.it/regione/export/RT/sito-RT/Contenuti/sezioni/agricoltura/aziende_agricole/rubriche/opportunita_scadenze/visualizza_asset.html_1224200525.html

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 229/09

**Stati Membri:** Il-Polonja

**Reġjun:** Obszar całego kraju

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża li tirċievi l-għajnuna individwali:** Program pomocy dla rodzin rolniczych, w których gospodarstw rolnych i działach specjalnych produkcji rolnej powstały szkody spowodowane przez powódź w 2009 r.

**Bażi legali:** Uchwała nr 137/2009 Rady Ministrów z dnia 11 sierpnia 2009 r. w sprawie ustanowienia programu pomocy dla rodzin rolniczych, w których gospodarstw rolnych i działach specjalnych produkcji rolnej powstały szkody spowodowane przez powódź w 2009 r.

u

l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** Il-volum tar-riżorsi nazzjonali tal-baġit ippjanat għall-forom kollha ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli skont din l-iskema jista' jkun ta' PLN 190 miljun.

**Intensità massima tal-għajnuna:**

(1) għall-uċuħ tar-raba', jiġifieri uċuħ imkabbrin f'art agrikola maħsubin biex jintużaw wara:

(a) 80 % tat-tnaqqis fid-dħul ikkalkulat mill-gvernatur tar-reġjun skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, jew

(b) 90 % tat-tnaqqis fid-dħul ikkalkulat mill-gvernatur tar-reġjun skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 għal azjendi agrikoli li jkunu f'żoni muntanjużi jew f'żoni żvantaġġati oħrajn kif iddefiniti fir-regoli dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali kkofinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jew li jkunu f'siti tan-Natura 2000 u f'żoni li huma involuti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' qafas dwar l-ilma;

(2) għall-bini fejn jinżammu l-bhejjem, għall-imħażen, għas-serer, u għall-bini u strutturi agrikoli oħrajn, għat-trakters, għall-magni u għat-tagħmir agrikolu u għall-bhejjem:

(a) 80 % tal-intensità grossa tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, ikkalkulata skont l-ispejjeż imġarrbin fil-verità;

(b) 90 % tal-intensità grossa tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, ikkalkulata skont l-ispejjeż imġarrbin fil-verità, minn azjendi li jkunu f'żoni żvantaġġati kif iddefiniti fir-regoli dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali kkofinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jew li jkunu f'siti tan-Natura 2000 u f'żoni li huma involuti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' qafas dwar l-ilma.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-għajnuna tista' tibda tingħata minn meta l-Kummissjoni Ewropea tippubblika n-numru tal-identifikazzjoni tal-iskema tal-għajnuna fuq is-sit tal-internet tagħha.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Awwissu 2010.

**Għan tal-għajnuna:** L-għajnuna għandha tgħin lill-familji tal-bdiewa jegħlbu d-diffikultajiet finanzjarji temporanji kkawżati minn ħsara lill-uċuħ tar-raba' jew lill-bini fejn jinżammu l-bhejjem, lill-imħażen, lis-serer u lill-bini u strutturi agrikoli oħrajn, lit-trakters, lill-magni u lit-tagħmir agrikolu u lill-bhejjem, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur jew setturi benefiċjarji:** L-agrikoltura

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

(1) Forma tal-għajnuna:

Għajnuna għall-ħlas tal-imgħax fuq self għad-diżastri

**Awtorità:** Agencja Restrukturyzacji i Modernizacji Rolnictwa

**Indirizz:**

Al. Jana Pawła II 70
00-175 Warszawa
POLSKA/POLAND

(2) Forma tal-għajnuna:

Tnaqqis u eżenzjonijiet mill-ħlas tal-kontributi tas-sigurtà soċjali u l-irranġar tal-kontijiet tal-arretrati marbutin magħhom fil-forma ta' differiment tad-dati ta' skadenza għall-ħlas tal-kontributi jew ta' tqassim tal-ħlasijiet fi ħlasijiet bin-nifs faċli; it-tħassir sħiħ jew b'mod parzjali tal-kontributi.

**Awtorità:** Kasa Rolniczego Ubezpieczenia Społecznego

**Indirizz:**

Al. Niepodległości 190
00-608 Warszawa
POLSKA/POLAND

(3) Forma tal-għajnuna:

Id-differiment u t-tqassim tal-ħlasijiet fi ħlasijiet bin-nifs skont ftehimiet tal-bejgħ u tal-kera taz-ZWRSP (l-istokk tal-proprjetà agrikola tat-Teżor tal-Istat) mingħajr ma jiġu applikati ħlasijiet u imgħax għal kemm idum id-differiment u t-tnaqqis, u t-tħassir tal-ħlasijiet bin-nifs tal-ħlas tal-kera skont il-ftehimiet tal-kera.

**Awtorità:** Agencja Nieruchomości Rolnych

**Indirizz:**

ul. Dolańskiego 2
00-215 Warszawa
POLSKA/POLAND

(4) Forma tal-għajnuna:

Eżenzjoni mit-taxxa agrikola.

**Awtorità:** Is-sindku tal-muniċipalità jew tal-belt

**Indirizz:** Dan ivarja skont fejn tinsab l-art.

(5) Forma tal-għajnuna:

Għajnuna soċjali fil-forma ta' ħlas immirat ta' darba biss.

**Awtorità:** Iċ-ċentri tal-għajnuna soċjali.

**Indirizz:** Dan ivarja skont fejn joqgħod il-bidwi.

**Indirizz tal- Internet:**

http://www.minrol.gov.pl/, fit-taqsima "Pomoc dla rodzin rolniczych, w których gospodarstwach rolnych i działach specjalnych produkcji rolnej powstały szkody spowodowane przez powódź w 2009 r."

**Informazzjoni oħra:** —